# M I N U T I

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA**

**IT-TMIEN LEĠIŻLATURA**

**LAQGĦA NUMRU 1**

4 ta' Lulju 2019

Il-Kunsill Lokali Floriana ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 15 Pjazza Emanuel S Tonna, il-Furjana, fil-5.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sinjorina Davina Sammut Hili | ( DSH ) | Sindku |
| Is-Sinjorina Gail Demanuele | ( GD ) | V/Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |
| Is-Sinjorina Justine Palmier | ( JP) | Kunsillier |
| Is-Sur Vincent Borg | ( VB ) | Kunsillier |

SKUŻAT:-

0

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI :-

M' Lourdes Lautier Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

### 1.1 Ħatra ta' Sindku – Aċċettazzjoni tal-Ħatra tas-Sindku

1.1.1. Il-Kunsillier Vincent Borg fetaħ il-laqgħa billi feraħ lill-kunsilliera eletti għall-ħatra tagħhom. Huwa kompla billi spjega li skont l-Att 363 – l-Att dwar il-Kunsilli Lokali, Taqsima III Artiklu 25 (IV), l-ewwel laqgħa għandha tissejjaħ mill-aktar kunsillier anzjan u kien għalhekk li kien qed jippresiedi din l-ewwel laqgħa hu. Huwa kwota l-Artiklu 25:-

*"fil-kariga ta' Sindku ta' xi Kunsill Lokali għandu joqgħod dak il-Kunsillier elett li fl-aħħar elezzjoni lokali ta' dik il-lokalità jkun kiseb l-ogħla għadd ta' voti mal-ewwel għadd minn fost il-kandidati tal-partit politiku li f'dawk l-elezzjonijiet ikun kiseb il-maġġoranza assoluta ta' Kunsillieri ta' dak il-Kunsill u li jkollu 'l fuq minn tmintax-il sena. Dak il-Kunsillier jieħu l-kariga ta' Sindku fl-ewwel laqgħa tal-Kunsill wara dik l-elezzjoni lokali."*

1.1.2. Huwa spjega li għalhekk is-Sinjorina Davina Sammut Hili għandha tiġi maħtura s-Sindku tal-lokalita tal-Floriana.

1.1.3. Huwa talab lis-Sinjorina Davina Sammut Hili jekk taċċettax il-kariga ta' Sindku tat-tmien leġiżlatura tal-Kunsill Lokali Floriana.

1.1.4. Is-Sinjorina Davina Sammut Hili aċċettat il-kariga ta' Sindku u għalhekk ġiet maħtura is-Sindku tal-lokalita tal-Floriana.

### 1.2 Ħatra ta' Viċi Sindku – Aċċettazzjoni tal-Ħatra tal-Viċi Sindku

1.2.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili spjegat kif skont l-Att 363 – l-Att dwar il-Kunsilli Lokali, Taqsima III Artiklu 25 (2a), fil-kariga ta' Viċi Sindku għandu joqgħod dak il-kunsillier li jkun kiseb, minbarra s-Sindku, l-ogħla għadd ta' voti fl-elezzjonijiet lokali, fil-partit li jkun kiseb l-ikbar ammont ta' voti.

1.2.2. Għalhekk is-Sindku Davina Sammut Hili talbet lis-Sinjorina Gail Demanuele jekk taċċettax il-kariga ta' Viċi Sindku tat-tmien leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Floriana.

1.2.3. Is-Sinjorina Gail Demanuele aċċettat il-kariga ta' Viċi Sindku u għalhekk ġiet maħtura il-Viċi Sindku tal-lokalita tal-Floriana.

**Nota:** **17:04 Il-laqgħa tal-Kunsill ġiet sospiża sakemm is-Sindku DSH u l-Viċi Sindku GD ħadu l-ġurament tal-ħatra quddiem il-Kummissarju tal-Ġustizzja l-Avukat Dottor Noel Bartolo.**
**17:23 Il-laqgħa tal-Kunsill tkompliet.**

### 1.3 Indirizz tas-Sindku

1.3.1. Is-Sindku qalet li tixtieq tingħaqad mal-Kunsillier VB sabiex tawgura lill-kunsilliera kollha eletti tas-suċċess li kisbu. Hija qalet li temmen li dan il-Kunsill kien imqassam tajjeb, kunsill żgħażugħ b'taħlita ta' maturita.

1.3.2. Is-Sindku qalet li qed tieħu pjaċir tara li fil-Kunsill elett kien hemm tliet nisa. Hija qalet li din kienet xi ħaġa sabiħa għall-ġeneru tan-nisa.

1.3.3. Hija qalet li tixtieq tieħu l-opportunita tirringrazzja lill-kunsill preċedenti tal-ħidma tiegħu u qalet li minkejja li mhux dejjem qablu, dejjem ġabu l-interess tal-lokalita quddiemhom l-ewwel u qabel

kollox. Is-Sindku qalet ukoll li fid-deċiżjonijiet meħuda ma kienx hemm kulur politiku u għalkemm eletti f'isem partiti politiċi differenti, il-kunsilliera dejjem ħadmu għall-ġid tal-lokalità.

1.3.4. Is-Sindku rringrazzjat ukoll lill-kunsilliera li ma ġewx eletti u li kienu tefgħu in-nomina tagħhom għall-elezzjoni li għaddiet. Hija qalet li l-Kunsill għandu juri l-id tal-ħbiberija magħhom sabiex jingħaqdu miegħu biex ilkoll flimkien jaħdmu għall-ġid tal-lokalità.

1.3.5. Is-Sindku temmet billi qalet li ser tkun għad-dispożizzjoni tal-Kunsill bħalma dejjem kienet u ttamat li lkoll jaħdmu flimkien biex jinkisbu riżultati pożittivi fl-interess tal-lokalità u partikolarment taċ-ċittadini.

**1.4 ĦATRA TA' KUMITATI / SOTTOKUMITATI / ASSENJAZZJONI TA' RESPONSABBILTAJIET**

1.4.1. Is-Sindku DSH qalet li skont ir-Riforma tal-Gvern Lokali u l-emendi relatati, is-Sindku jrid iqassam ir-responsabbiltajiet lill-Kunsilliera huwa stess. Għalhekk hija qalet li ħasset li dawk il-Kunsilliera li kienu eletti fil-leġiżlatura preċedenti għandhom iżommu l-istess karigi li kellhom.

1.4.2. Hija kompliet billi qalet li kiener ser tassenja r-responsabbiltajiet hekk kif elenkat hawn isfel:

Il-Viċi Sindku GD ser ikollha r-responsabbilta tal-**Kultura u l-Integrazzjoni Soċjali**;
Il-Kunsillier JAE ser ikollu r-responsabbiltajiet tal-**iSports u Attivitajiet Fiżiċi, Edukazzjoni u e-Councillor**;
Il-Kunsillier VB ser ikollu r-responsabbiltajiet tal-**Qasam Soċjali, Ambjent u Anzjani**;
Il-Kunsilliera JP ser ikollha r-responsabbiltajiet taż-**Żgħażagħ u Tfal, u Ħarsien tal-Annimali**;
Is-Sindku DSH ser ikollha r-responsabbiltajiet tal-**Indafa, Infrastruttura, Proġetti u Innovazzjoni u Komunitajiet**.

1.5 Is-Sinkdu qalet li minkejja li fil-leġiżlatura preċedenti, ir-responsabbilta tal-**Attivitajiet** kienet tkun f'idejn xi wieħed mill-kunsilliera, hija qalet li din id-darba tħoss li din ir-responsabbilta għandha tkun ta' kull wieħed u waħda minnhom sabiex ilkoll flimkien jagħtu l-kontribut tagħhom għall-attivitajiet li jidħol għalihom il-Kunsill u għalhekk tingħata l-importanza lil-lokalità b'antiċipazzjoni li jkun hemm riżultat xieraq u soddisfaċenti.

**1.6 TMIEM IL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS.**

1.6.1. Il-laqgħa intemmet fil-5.30pm u b'riżoluzzjoni unanima tal-Kunsillieri kollha ġiet aġġornata għal nhar il-Erbgħa 11 ta' Lulju 2019 fis-1.30pm.

**Konfermati, illum il-Ħamis, 11 ta' Lulju 2019**

| | |
|---|---|
| *firmati* | *firmati* |
| Davina Sammut Hili | M'Lourdes Lautier |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |